# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 30 ta’ Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 123/02/SM**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Anthony Thorne**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, hames mija u sebgha u ghoxrin lira (LM1527.00,0) rappresentanti import ta’ tlettax (13) il-kambjala, wahda ta’ LM39 (bilanc) u tnax ta’ LM124 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 2001 sa Frar 2002 rispettiament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 13 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-22 ta’ Jannar 2002 jammontaw ghal LM62, oltre l-imghax ulterjuri sal-**

**pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-3 t'Ottubru, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 28 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha rriduciet s-sorte bl-ammont ta' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin, (LM123.00,0) stante pagament fil-mori tal-kawza u zzomm ferm ghall-bilanc tas-sorte ghall-LM1,404.00,0 bl-imghax mill-14 ta' Marzu, 2002 u bl-ispejjez tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Mejju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**